A.L. 213 tal-2012

ATT DWAR IL-KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Regolamenti tal-2012 li jissostitwixxu is-Seba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw is-Seba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mas-Seba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "is-Seba' Skeda". Kap. 363.

Jissostitwixxi s-Seba' Skeda.

2. Is-Seba' Skeda għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IS-SEBA' SKEDA

[Artikoli 4, 25]

Taqsima I

Elezzjoni ta' Sindku u Viċi Sindku
Proċedura tal-Votazzjoni

Is-Segretarju għandu jara li l-ismijiet tas-Sindku u Viċi Sindku eletti jiġu pubblikati fil-Gazzetta flimkien mad-data tal-elezzjoni u fil-każ li s-Sindku jew il-Viċi Sindku ma jkunx ġie elett, l-isem tal-Kunsillier li jkun assuma l-funzjonijiet ta' Sindku jew Viċi Sindku, skont il-każ, u d-data meta jkun daħal fil-kariga.

Taqsima II

Elezzjoni ta' Sindku u Viċi Sindku meta ebda partit politiku ma jikseb maġġoranza assoluta ta' siġġijiet

1. Fil-laqgħa li matulha s-Sindku u, jew il-Viċi Sindku għandu jiġi elett, jew għandhom jiġu eletti, il-kunsilliera għandhom mal-ewwel jibdew bil-proċedura tal-elezzjoni skont l-Ordnijiet Permanenti u d-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. Il-Kunsilliera għandhom jeleġġu lis-Sindku u lill-Viċi Sindku b'elezzjonijiet mhux sigrieti separati.

3. Kull kunsillier jista' jinnomina lil kull kunsillier ieħor bħala Sindku jew Viċi Sindku u fil-kaz li jkun hemm żewġ nominazzjonijiet jew iktar għall-istess kariga, il-votazzjoni ssir skont l-ordni alfabetiku tal-kunjomijiet u, jekk ikun hemm żewġ kandidati jew iktar li jkollhom kunjomijiet u ismijiet identiċi, l-ordni ta' preċedenza jiġi stabbilit bix-xorti.

4. Kunsillier jivvota billi jiddikjara b'leħen għoli "Iva", "Le", jew "Nastjeni" għal kull kandidat fl-ordni msemmi. Jekk xi kunsillier preżenti fil-laqgħa jirrifjuta li jesprimi l-preferenza tiegħu, dan ir-rfjut jitqies bħala astensjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jirreġistra x'ikun il-vot espress minn kull kunsillier.

5. L-ewwel kandidat li jikseb maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħin mill-kunsilliera, jiġi elett. Jekk ma jiġi elett ebda kandidat, il-votazzjoni tibqa' tiġi ripetuta għal ħames darbiet oħra fl-istess seduta.

6. Jekk, għal xi raġuni li tkun, il-Kunsill ma jkunx jista' jagħżel Sindku jew Viċi Sindku wara li jkunu saru sitt votazzjonijiet konsekuttivi matul l-istess seduta, il-laqgħa tiġi aġġornata għall-istess jum, ħin u post għall-ġimgħa ta' wara u l-proċeduri stabbiliti fir-regolament 1 sa 5 ta' din l-iSkeda għandhom jiġu ripetuti; b'dan li jekk wara sitt votazzjonijiet oħra konsekuttivi l-Kunsill ikun għadu ma jistax jeleġġi lis-Sindku jew Viċi-Sindku, l-kunsillier li fl-aħħar elezzjoni għal dik il-lokalità jkun ġab l-akbar għadd ta' voti fl-ewwel għadd minn fost il-kunsilliera li jkunu jappartjenu lill-partit politiku li jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti fl-ewwel għadd fl-aħħar elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali għal dik il-lokalità (jew jekk jirrifjuta dak li ġab it-tieni l-akbar għadd ta' voti), jassumi l-funzjonijiet ta' Sindku jew Viċi Sindku, skont il-każ; u jekk l-imsemmija kunsilliera kollha jirrifjutaw li jassumu l-funzjonijiet ta' Sindku jew Viċi Sindku, kif ikun il-każ, skont din il-proċedura, il-kunsillier li jkun l-iktar anzjan fosthom (jew inkella jekk jirrifjuta, min jiġi l-aktar anzjan warajh u tibqa' nieżel b'dan il-mod) jassumi l-funzjonijiet ta' Sindku jew Viċi Sindku, skont il-każ, għal perjodu ta' tliet xhur.

7. Il-proċeduri ta' votazzjoni preċedenti għandhom jiġu ripetuti wara l-iskadenza ta' dawk it-tliet xhru u, jekk ikun meħtieġ,

wara kull skadenza ta' perjodi sussegwenti ta' tliet xhur, sa dak iż-żmien li s-Sindku jew il-Viċi Sindku jiġi elett skont il-proċeduri stipulati f'din l-iSkeda.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara li l-ismijiet tas-Sindku u Viċi Sindku eletti jiġu pubblikati fil-Gazzetta flimkien mad-data tal-elezzjoni u fil-każ li s-Sindku jew il-Viċi Sindku ma jkunx ġie elett, l-isem tal-kunsillier li jkun assuma l-funzjonijiet ta' Sindku jew Viċi Sindku, skont il-każ, u d-data meta jkun daħal fil-kariga.".